

Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2023/C 262/05)



Wiċċ nazzjonali tal-munita k commemorattiva l-ġdida taż-żewġ euro, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Greċja

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom *status* ta' valuta legali fiż-Żona tal-Euro kollha. Bil-għan li tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinj tal-muniti l-ġodda kollha ⁽¹⁾. F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro, huma awtorizzati joħorġu muniti k commemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw il-muniti taż-żewġ euro biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-żewġ euro, iżda n-naħa nazzjonali tagħhom fiha disinn k commemorattiv li jkun simboliku ħafna f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż emittenti: Il-Greċja

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: Mitt sena mit-twelid ta' Maria Callas

Deskrizzjoni tad-disinn: Id-disinn juri ritratt tas-soprana Griega leġġendarja Maria Callas. Miktuba tul ix-xifer ta' ġewwa hemm il-kliem "100 SENA MIT-TWELID TA' MARIA CALLAS", u fuq il-lemin is-sena taz-zekka "2023" u palmetta (marka taz-zekka Griega); taħt ir-ritratt hemm l-iskriżzjoni "REPUBBLIKA ELLENIKA".

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-għadd ta' muniti li huwa stmat li se jinħarġu: 750 000

Id-data tal-ħruġ: Lulju 2023

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).